# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Frar, 2016**

**Talba Nru: 287/2015/VG**

**Mobisle Communications Limited (C-24655) u b'digriet datat 21 ta' Jannar, 2016 l-atti tal-kawza gew assunti mis-scojeta GO p.l.c.**

**vs**

**Marise PACE (ID. Nru. 514878M)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-16 ta' April, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' hames mija wiehed u tletin euro u tmienja u hamsin centezmu [€531.58c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija wiehed u tletin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€531.58) in konnessjoni ma' 99823319 (AC5091395).

> Illi nterpellata sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.
>
> Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza".

Ra l-verbal datat 20 ta' Mejju, 2015 fejn minnu jirrizulta li Dr. Charmaine Cherrett ghall-intimata talbet sabiex hija tkun tista tipprezenta risposta minkejja li t-terminu ghal istess skada. Dr. Keith Grech ghas-socjeta rikorrenti ma opponiex ghal din it-talba u t-Tribunal laqa' l-istess. Skond ma jirrizulta mill-istess verbal, il-partijiet kienu qablu li jiltaqghu bejniethom u ghalhekk, it-Tribunal awtorizza lill-intimata sabiex ma tipprezentax risposta f'dak l-istadju sakemm issir il-laqgha. It-Tribunal impona terminu sal-15 ta' Lulju, 2015 sabiex l-intimata tipprezenta r-risposta taghha f'kaz li t-transazzjoni ma ssehhx.

Ra l-verbal tal-15 ta' Lulju, 2015 fejn Dottor Cherrett ghall-intimata talbet li tinghata zmien iehor sabiex tipprezenta risposta ghat-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti. Ra li t-Tribunal ta l-ahhar opportunita lill-intimata sabiex tressaq ir-risposta taghha sa mhux aktar tard mit-30 ta' Lulju, 2015.

**Ra r-risposta tal-intimata minnha pprezentata fit-30 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

> "Illi l-ammont reklamat mis-socjeta attrici fil-konfront ta' l-esponenti ma huwiex dovut stante li kwalsiasi ammont gie pjenament imhallas a saldu.
>
> Illi effettivament, kienet l-esponenti stess li avvicinat lis-socjeta attrici, mat-tmiem ta' l-impjieg taghha ma' Joinwell fejn giet

infurmata tramite mpjegati tas-socjeta attrici li l-ebda ammont ma huwa dovut da parti taghha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez"

Ra n-nota tas-socjeta rikorrenti tat-18 ta' Novembru, 2015;

Ra l-verbal tad-9 ta' Dicembru, 2015 fejn Dr. Ingrid Zammit Young talbet li l-kawza tmur ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa.

Ra l-verbal tat-22 ta' Jannar, 2015 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' hames mija wiehed u tletin euro u tmienja u hamsin centezmu [€531.58c] in konnessjoni ma' 99823319 (AC5091395). L-intimata laqghet ghal din it-talba billi qalet li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti fil-konfront taghha ma huwiex dovut stante li kwalsiasi ammont gie pjenament imhallas a saldu. Ziedet tghid li effettivament, kienet hi stess li avvicinat lis-socjeta rikorrenti, mat-tmiem ta' l-impjieg taghha ma' Joinwell fejn giet infurmata tramite mpjegati tas-socjeta rikorrenti li l-ebda ammont ma huwa dovut da parti taghha.

Ikkunsidra;

2. Xehdet l-intimata li qalet li hija kienet tahdem mas-socjeta Joinwell. Bhala impjegata ta' din is-socjeta, hija kienet tibbenefika minn skema ghall-impjegati taghha, liema skema kienet harget mis-socjeta rikorrenti. Fis-sena 2011 hija ma baqghetx tahdem mas-socjeta Joinwell u ghalhekk hadet hsieb biex tinforma lis-socjeta rikorrenti b'dan il-fatt. Konsegwentement, hija ma baqghetx tibbenefika mit-tariffa specjali applikabbli ghas-socjeta Joinwell. Wara xi zmien, hija kienet irceviet ittra minghand il-is-socjeta GO Mobile li hi kellha taghtihom l-ammont ta' €500. Wara li hija ma baqghetx tahdem mas-socjeta Joinwell, hija bdiet thallas il-kont tac-cellulari taghha direttament permezz ta' *direct debit*. Waqt li kienet ghadha tahdem ma' l-imsemmija socjeta hija kienet thallas jew bi flus kontanti, jew b'cekk jew inkellha permezz tal-*card*. Qalet li hi dejjem kienet tircievi l-kont bil-kliem "*previous balance zero*" (fol. 20) u ghalhekk ma tafx kif issa s-socjeta rikorrenti qeghda tghid li hi kien ghad fadlilha thallas l-ammont rikjest f'dawn il-proceduri. Oltre dan, kompliet tghid l-intimata, s-socjeta rikorrenti ma kienetx ser taqleb minn kuntratt ghal iehor jekk ikun ghad hemm kontijiet pendenti. Mistoqsija mit-Tribunal jekk hi kellhiex ricevuti taz-zmien li hija damet tahdem mas-socjeta Joinwell, l-intimata wiegbet fin-negattiv. Qalet li ghax is-socjeta rikorrenti damet biex baghtet l-ittra taghha, hija ma kellhiex dawn l-ircevuti fil-pussess taghha.

3. **Charmaine Psaila Wiffen** xehdet li hi tahdem fil-*credit control section* tas-socjeta rikorrenti. Hija esebiet tlett fatturi mmarkati komplessivament bhala CPW1, CPW2 u CPW3. Qalet li fis-7 ta' April, 2015 l-intimata hallset l-ammont ta' €800 biex b'hekk hija kien ghad fadlilha xi thallas l-ammont ta' €127.31c favur is-socjeta rikorrenti. Id-dok. CPW2 juri li sat-28 ta' Ottubru, 2011 l-ammont dovut kien ta' €874.34c. Id-dok. CPW3 juri li kien sar hlas ta' €600 biex b'hekk l-intimata kien ghad fadlilha bilanc ta' €274.34c. Fil-25 ta' Novembru, 2011 l-ammont dovut mill-intimata reggha tela ghal €531.51c.

   Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti ziedet tghid li meta l-intimata waqfet tahdem mas-socjeta Joinwell hija wafet tibbenefika mir-rati favorevoli li kellha din is-socjeta minghand is-socjeta rikorrenti. L-intimata mbaghad giet

b'kuntratt tat-tip *standalone* b'rati differenti. Minhabba f'hekk, s-socjeta rikorrenti kienet fethet kont iehor fuq isem l-intimata bl-istess numru li kellha mas-socjeta Joinwell pero kien ghad hemm il-kont precedenti x'jithallas. Mistoqsija x'kienet ir-raguni l-ghala s-socjeta rikorrenti ma kienitx zammet lill-intimata milli taqleb il-kont minn mas-socjeta Joinwell ghal fuq isimha personali qabel ma kienet hallset il-kontijiet pendenti, hija qalet li dan ghamluh "*peress li l-kontijiet dejjem kienu jithallsu b'mod regolari hlief ghal dan l-ammont li hemm dovut*" (fol. 23).

In kontro-ezami, x-xhud qalet li l-intimata "*qelbet minn commercial ghal stand alone account, dan fil-branch ta' Birkirkara*" (fol. 23). Hija qalet ukoll li fil-5 ta' Novembru, 2013 u fit-28 ta' Marzu, 2014 il-*credit control department* kien baghat ittri lill-intimata.

Ghalqet ix-xhieda taghha billi qalet li "*ahna fil-kumpanija nhaddnu wkoll kuncett ta' separate accounts dan ifisser li active service li qed jithallas ma jinqatax pero ghandi nghid illi account illi account b'ammont dovut ghandna d-dritt li nfittxuh. B'daqshekk ma jfissirx li ha naqtghu l-active account*" (fol. 23).

Ikkunsidra ulterjorment;

4. It-tribunal wara li ezamina x-xhieda prodotta f'din il-kawza u ra d-dokumenti esebiti, inkluz dawk mressqa mill-intimata fis-16 ta' Novembru, 2015 u n-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-18 ta' Novembru, 2015 qieghed jiddikjara li jaqbel ma dak kontenut f'din l-ahhar nota tas-socjeta rikorrenti u ma ghandu xejn xi jzid hlief li jghid li s-socjeta rikorrenti rnexxielha tipprova l-kaz taghha sodisfacentement skont il-ligi. Illi konsegwentement, l-intimata ma rnexxieliex tikkonvinci lit-Tribunal li dak minnha sottomess fir-risposta taghha ghandu mis-sewwa u qieghed jichadhom.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimata, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hames mija wiehed u tletin euro u tmienja u hamsin centezmi ta' euro [€531.58c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru

fuq dan l-ammont mid-data tan-notifika ta' din it-talba u cioe mis-27 ta' April, 2015 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**